

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' sessjoni*

18.10.2006

B6-0530/2006

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

biex jingħalaq id-dibattitu fuq l-istqarrija tal-Kummissjoni

skond l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura mressaq minn

John Purvis, f'isem il-Grupp PPE-DE  
Peter Skinner u Harald Ettl, f'isem il-Grupp PSE  
Margarita Starkevičiūtė u Wolf Klinz, f'isem il-Grupp ALDE  
Alain Lipietz, f'isem il-Grupp Verts/ALE,  
Sahra Wagenknecht, f'isem il-Grupp GUE/NGL  
Eoin Ryan, f'isem il-Grupp UEN

dwar standards ta' kontabilità użati minn emittenti tal-pajjiżi terzi u l-ekwivalenti tagħhom lill-IFRS kif imsemmija fl-abbozz li jimplementa miżuri tad-Direttiva dwar il-Prospett u d-Direttiva dwar it-Trasparenza (abbozz tar-regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KE) Nru 809/2004 rigward l-istandards ta' kontabilità skond kif inhi mfassla l-informazzjoni storika li tinsab fil-prospetti, u l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-użu tat-titoli ta' informazzjoni minn emittenti tal-pajjiżi terzi ppreparati skond standards ta' kontabilità aċċettati internazzjonalment)

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar standards ta' kontabilità użati minn emittenti tal-pajjiżi terzi u l-ekwivalenti tagħhom lill-IFRS kif imsemmija fl-abbozz li jimplementa miżuri tad-Direttiva dwar il-Prospett u d-Direttiva dwar it-Trasparenza (abbozz tar-regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KE) Nru 809/2004 rigward l-istandards ta' kontabilità skond kif inhi mfassla l-informazzjoni storika li tinsab fil-prospetti, u l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-użu tat-titoli ta' l-informazzjoni minn emittenti tal-pajjiżi terzi ppreparati skond l-istandards ta' kontabilità aċċettati internazzjonalment)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta t-titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew huma ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE, b'mod partikulari l-Artikolu 7(1),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE, b'mod partikulari l-Artikolu 23 (4),
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' l-istandards internazzjonali ta' kontabilità
- wara li kkunsidra l-abbozz tar-regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KE) Nru 809/2004 rigward l-istandards ta' kontabilità skond kif inhi mqasma l-informazzjoni storika li tinsab fil-prospetti,
- wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kummissjoni dwar l-użu ta' l-emittenti tat-titoli ta' informazzjoni tal-pajjiżi terzi ppreparati skond l-istandards ta' kontabilità aċċettati internazzjonalment,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE tas-17 ta' Lulju 2006 li timmodifika d-Deċiżjoni 1999/468/KE,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President tal-Kummissjoni Romano Prodi lill-Parlament fil-5 ta' Frar 2002,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Frar 2002 dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tas-servizzi finanzjarji fil-kuntest tar-Rapport Lamfalussy,
- Wara li kkunsidra l-modifikazzjonijiet proposti għall-abbozz tar-regolament tal-

Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KE) Nru 809/2004 u l-abbozz li jimplimenta d-deċiżjoni dwar l-użu ta' l-emittenti dwar it-titoli ta' l-informazzjoni mill-pajjiżi terzi skond l-istandards ta' kontabilità aċċettati internazzjonalment, adottati mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji fl-4 ta' Ottubru 2006,

- wara li kkunsidra t-tweġiba tal-Kummissjoni għal dawn il-modifiki proposti, li nġhatat lill-Parlament permezz ta' ittra fit-18 ta' Ottubru 2006, indirizzata lir-rapporteur u liċ-chairperson tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji;
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet ta' l-ECOFIN tal-5 ta' Mejju 2006, li jenfasizzaw l-importanza tas-superviżjoni, il-koordinazzjoni u l-konverġenza fi ħdan l-UE,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jitlob lill-Kummissjoni li tqis ħafna l-limiti tas-setgħat mogħtija lilha permezz tad-Direttiva 2003/71/KE u d-Direttiva 2004/109/KE, skond id-dispożizzjonijiet applikabbli tat-Trattat, sabiex tiżgura ċertezza legali għall-partijiet konċernati fis-suq finanzjarju;
  2. Jirrimarka li l-abbozz ta' miżuri ta' implimentazzjoni huma s-soluzzjoni sabiex jinkisbu l-oġettivi ta' kundizzjonijiet imtejba ta' operazzjoni għall-partijiet konċernati fis-suq finanzjarju kif ukoll tas-swieq finanzjarji trasparenti u sikuri fl-Unjoni Ewropea;
  3. Jišhaq li x-xogħol li twettaq mill-Parlament minn meta ġew ippubblikati l-miżuri ta' implimentazzjoni ġie stimulat peremzz tal-ħtieġa li jiġu rrispettati dawk id-dispożizzjonijiet leġislattivi mmirati lejn il-kisba ta' riżultat bilanċjat bejn il-kompetizzjoni u t-trasparenza għas-swieq finanzjarji, partijiet interessati (azzjonisti, emittenti u utenti), awtoritajiet regulatorji u rappreżentanti eletti demokratikament;
  4. Jilqa' l-ħeġġa li wriet il-Kummissjoni biex taħdem mal-Parlament sabiex jinkiseb l-aħjar riżultat possibbli għall-partijiet kollha konċernati; ifakkar il-ħtieġa li l-Parlament jiġi involut u infurmat mill-aktar stadji bikrija tax-xogħol preparatorju fuq il-miżuri kollha ta' livell 2;
  5. Jinnota li l-proċedura li tirrigwarda l-ikkompletar ta' miżuri ta' implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/71/KE u d-Direttiva 2004/109/KE hija kważi mingħajr preċedent fil-mod ta' kif tiżviluppa normalment il-leġislazzjoni ta' l-UE; għaldaqstant jiġbed l-attenzjoni, għall-ħtieġa li jinkiseb riżultat li b'mod reċiproku jkun sodisfaċenti għall-istituzzjonijiet kollha sabiex ir-relazzjoni interistituzzjonali tiżviluppa f'direzzjoni pożittiva;
  6. Jistaqsi lill-Kummissjoni sabiex testendi l-mandat tal-25 ta' Ġunju 2004 lill-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej (CESR), sabiex jippromwovi trattament armonjuż lill-pajjiżi terzi permezz ta' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u jipprovdi parir tekniku dwar l-evalwazzjoni ta' l-ekwivalenza ta' l-istandards nazzjonali tal-pajjiżi terzi, barra l-Prinċipji Ġeneralment Aċċettati ta' Kontabilità (GAAP) ta' l-Istati Uniti, il-Ġappun u l-Kanada, ta' l-Istandards Internazzjonali ta' Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRS) sakemm il-pajjiżi terzi involuti jingħataw il-possibilità li ma jergħux jiddikjaraw dikjarazzjonijiet finanzjarji mill-1 ta' Jannar 2007 sa l-1 ta' Jannar 2009;
  7. Jirrimarka li l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sa l-1 ta' Jannar 2009 għandu jintuża mill-

Kummissjoni sabiex tkompli fil-progress jew tidħol fin-negozjati għall-għan li tikseb konverġenza bejn l-IFRS u l-GAAP tal-pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta programm ta' ħidma li jindika lill-Kumitat tat-Titoli Ewropej (ESC) u lill-Parlament, in-negozjati ma' pajjiżi terzi rigward il-konverġenza bejn l-IFRS u l-AP tal-pajjiżi terzi ;

8. Jisħaq li l-evalwazzjoni tal-GAAP tal-pajjiżi terzi m'għandhiex tkun biss ta' natura teknika iżda li l-kuntest ekonomiku u regolatorju għandu jiġi kkunsidrat;
9. Jistaqsi lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi definizzjoni ta' ekwivalenza li tinkludi l-applikazzjoni konsistenti ta' rekwiżiti ta' rikonċiljazzjoni applikati fil-pajjiżi terzi li jirrigwardaw l-emittenti Ewropej skond l-IFRS, u r-rekwiżiti kkunsidrati neċessarji permezz ta' analiżi objettiva u ddettaljata tad-differenzi bejn l-istandards ta' kontabilità tal-pajjiżi terzi u l-IFRS, sabiex jissalvagwardjaw il-protezzjoni ta' l-investituri.
10. Jikkunsidra li, fl-assenza tal-ftehma dwar l-ekwivalenza bejn l-IFRS u l-GAAP ta' l-Istati Uniti fl-1 ta' Jannar 2009, din l-ekwivalenza li ġiet definita bħala ddikjarata f'paragrafu 9, negozji Amerikani stabbiliti fl-Ewropea għandhom jużaw b'mod sħiħ l-istandards ta' l-IFRS; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra ta' l-Unjoni sabiex jiddikjaraw il-pożizzjoni tagħhom fuq dawn il-linji;
11. Jesprimi n-nuqqas ta' sodisfazzjoni fl-inklużjoni tal-miżuri l-ġodda li jkomplu jeżentaw it-titoli professjonali għall-perjodu ta' sentejn fi stadju daqshekk tard fil-proċess u jikkunsidrah bħala mhux xieraq;
12. Jaċċetta l-miżuri ta' implimentazzjoni, dejjem jekk il-punti hawn fuq imsemmija jiġu kkunsidrati mill-Kummissjoni;
13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej.